Nru. 186

AWTORITÀ TA' L-IPPJANAR

Ordni ta' Emerġenza għal Konservazzjoni

Artikolu 47 ta' l-Att ta' l-1992 Dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp

L-AWTORITÀ ta' l-Ippjanar iddeċidiet li l-proprjetà li ġejja, jiġifieri

Nri 17 u 18, Triq Taltas
Iż-Żejtun

(ara l-pjanta mehmuża) tista' tkun ta' valur arkitettoniku u storiku hekk li għandha tkun inkluża fil-lista ta' Proprjetà Skedata, skond it-termini ta' l-Artikolu 46 ta' l-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp.

L-Awtorità hija wkoll tal-fehma li l-proprjetà msemmija tinsab fil-periklu li tiġi demolita, danneġġata jew distrutta.

L-Awtorità qiegħda b'hekk toħroġ Ordni ta' Emerġenza għal Konservazzjoni għar-rigward tal-proprjetà msemmija hawn fuq, skond Artikolu 47 ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp.

(i) Il-fond Nru. 17 għandu jitqies bħala proprjetà ta' Grad 2 kif muri fil-*Policy* UCO 7 tal-Pjan ta' Struttura.

(ii) Il-fond Nru. 18 għandu jitqies bħala proprjetà ta' Grad 3 kif muri fil-*Policy* UCO 7 tal-Pjan ta' Struttura.

(ii) It-tieqa li tinsab fil-pjan terren tal-proprjetà Nru. 17 tista' tinbidel u tingħata disinn sensittiv li għandu jkun approvat minn qabel mill-Awtorità ta' l-Ippjanar.

(iv) Kull intervent fuq iż-żewġ proprjetajiet li hu permissibbli skond hawn fuq, għandu jiġi approvat minn qabel mill-Awtorità ta' l-Ippjanar.

Din l-Ordni tibqa' fis-seħħ għal żmien 6 xhur mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din l-Ordni.

Jekk il-proprjetà tiġi demolita jew mibdula bi ksur ta' din l-Ordni, l-Awtorità teżerċita s-setgħat tagħha ta' twettiq, kif imfissra f'Artikli 46, 52, 53 u 55 ta' l-Att. L-Att jaħseb għal pieni ħorox għall-ksur ta' kontroll fuq Proprjetà Skedata.

Il-11 ta' Marzu, 1994

No. 186

PLANNING AUTHORITY

Emergency Conservation Order

Section 47 of the Development Planning Act, 1992

THE Planning Authority believes that the following property, namely

Nos. 17 & 18, Triq Taltas
Żejtun

(see attached site plan) could be of architectural and historical value such that it should be listed as Scheduled Property in terms of Section 46 of the Development Planning Act, 1992.

The Authority also believes that the property is in danger of being demolished, damaged or destroyed.

The Authority is hereby issuing an Emergency Conservation Order in respect of the above property in accordance with Section 47 of the Development Planning Act.

(i) Premises No. 17 is to be considered a Grade 2 property as per Structure Plan Policy UCO 7.

(ii) Premises No. 18 is to be considered a Grade 3 property as per Structure Plan Policy UCO 7.

(iii) The ground floor window of property No. 17 may be changed to a sensitive design approved in advance by the Planning Authority.

(iv) Any interventions on both properties which are permissible according to the above must be approved in advance by the Planning Authority.

The Order shall have effect for a period of 6 months from the date of publication of this order.

If the property is demolished or altered in contravention of this Order the Authority will exercise its powers of enforcement, as set out in Section 46, 52, 53 and 55 of the Act. The Act provides for severe penalties for contravention of control on Scheduled Property.

11th March, 1994



17, 18, TRIQ TALTAS, ZEJTUN

SCALE 1:1000